# Jitħabbru l-attivitajiet għal ġimgħa Ewropea dwar il-mobbiltà

Mtella' 2 Ta' Ġunju, 2016 - Aġġornata 2 Ta' Ġunju, 2016 5:01pm



Photo : DOI - Clifton Fenech

**Rapport:** Nigel Mifsud

Il-Ministru tat-Trasport Joe Mizzi qal li Transport Malta qed taħdem fuq strateġija nazzjonali dwar l-użu tar-rota u bħalissa qed tilqa' s-sejħiet għall-Proposti. Waqt li kien qed iħabbar l-programm ta' attivitajiet għall-ġimgħa Ewropea tal-mobilità li se ssir bejn is-16 u t-22 ta' Settembru, il-Ministru Mizzi stieden lill-Kunsilli Lokali biex joħorġu b'ideat innovattivi u miżuri biex jippromwovu mobilità urbana sostenibbli.

Qal li nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru se tkun organizzata Car Free Day filwaqt li nhar il-festa tal-Indipendenza, se tkun organizzata l-Bike Ride Nazzjonali filwaqt li l-għada fil-Belt se jitħallew jidħlu biss karozzi li jkun fihom aktar minn żewġ passiġġieri, ħlief għar-residenti. Qal li fil-ġimgħat li ġejjin se joħroġ tender biex ikun provdut servizz nazzjonali ta' car pooling.

Huwa qal li Transport Malta iffirmat ftehim għall-proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea fejn flimkien ma' msieħba lokali qed tmexxi disa' proġetti pilota.

Is-Sur Mizzi semma kif il-Gvern se jkun qed qed jagħti għotja ġdida biex tgħin fix-xiri ta' karozzi elettriċi wara li l-għotja oriġinali ttieħdet kollha.

Il-Ministru tal-Ambjent Jose Herrera qal li wasal iż-żmien li titressaq emenda fil-kostituzzjoni biex l-ambjent

nadif isir dritt fundamentali għaċ-ċittadin u mhux kapriċċ.

Email